A.L. 336 tal-2010

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2010 dwar l-Estensjoni ta' Ġurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Materji Fiskali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar l-Estensjoni ta' Ġurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Materji Fiskali).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2010.

Emenda tal-leġislazzjoni fl-Iskeda.

2. Il-leġislazzjoni msemmija fl-Ewwel Kolonna tal-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollha effett skont l-emendi speċifikati fit-Tieni Kolonna tagħha:

SKEDA
Emenda tal-leġislazzjoni

Il-Ewwel Kolonna	**It-Tieni Kolonna**
Liġi	*Emenda*
Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123	**1.** Il-kliem "mill-Bord tal-Kummissarji Speċjali" fil-paragrafu 8(3) tal-Iskeda għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".
Regoli dwar Formuli Mixxellanji, L.S. 123.04	**1.** Il-kliem "tal-Bord ta' Kummissarji Speċjali" fir-regola 2 għandhom jġu sostitwiti bil-kliem tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".

Regoli dwar Qligħ Kapitali, L.S. 123.27	**1.** Il-kliem "mill-Bord ta' Kummissarji Speċjali" fir-regola 2(2)(ċ) u 2(3)(b) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva" u l-kliem "fil-Bord ta' Kummissarji Speċjali" għanhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva" u l-kelma "il-Bord" kull fejn tidher fl-imsemmi paragrafu (a) tar-regola 5(13) għandha tiġi sostitwita bil-kelma "it-Tribunal".
Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga, L.S. 123.55	**1.** Il-kliem "il-Bord ta' Kummissarji Speċjali" fir-regoli 6(3) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva" u fir-regola 6(6) il-kliem "mill-Bord ta' Kummissarji Speċjali" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva" u l-kelma "il-Bord" kull fejn tidher fir-regola 6(3)(a) u (b) għandha tiġi sostitwita bil-kelma "it-Tribunal".
Regoli dwar Taxxa fuq it-Trasferimenti ta' Proprjetà, L.S. 123.92	**1.** Il-kliem "fil-Bord ta' Kummissarji Speċjali" fir-regola 18 għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva" u l-kelma "il-Bord" kull fejn tidher fl-imsemmija regola għandha tiġi sostitwita bil-kelma "it-Tribunal".
Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, Kap. 337	**1.** L-artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: "**9.** (1) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Kontrullur tad-Dwana, għandha minnufih tagħmel talba bil-miktub lill-Kontrullur tad-Dwana għar-reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni. Din it-talba għandha tintbagħat lill-Kontrullur fi żmien tletin ġurnata min-notifika ta' dik id-deċiżjoni. Jekk ma ssir ebda talba għal reviżjoni fi żmien tletin ġurnata, il-persuna titqies li tkun aċċettat id-deċiżjoni.

(2) Fil-każ li l-persuna msemmija fis-subartikolu (1) tibqa' tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni finali tal-Kontrullur, dik il-persuna jkollha dritt ta' appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490

(3) Dan l-appell għandu jiġi preżentat lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tal-aħħar deċiżjoni, imsemmija fis-subartikolu (2), meħuda mill-Kontrullur tad-Dwana.".

Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372

1. Il-kliem "tal-Bord tal-Kummissarji Speċjali" fl-artikolu 4(7) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva" u l-kliem "il-Bord tal-Kummissarji Speċjali" fl-artikolu 31(5) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".

2. L-artikolu 34 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Kap. 490

34. (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ bħala "it-Tribunal", għandu jkun kompetenti biex jisma' u jaqta' appelli skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35.

(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jaqdi dawk id-dmirijiet tiegħu hekk assenjati lilu skont dan l-Att.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, safejn japplikaw għat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, għandhom japplikaw għal kull proċedura qabel l-imsemmi Tribunal u l-kliem "amministrazzjoni pubblika" fl-imsemmija liġi għandhom jinftiehmu bħal referenza għall-Kummissarju.

(4) It-Tribunal ikollu s-setgħa li jsejjaħ kull persuna sabiex tixhed jew iġġib kotba jew dokumenti oħra quddiemu:

Iżda -

(i) l-iskrivan, l-aġent, l-impjegat jew persuna oħra mpjegata f'kariga konfidenzjali fl-affarijiet tal-appellant u tal-ġenituri, żewġ jew mart jew ulied dak l-appellant m'għandhomx jissejħu biex jixhdu jew biex jiġu eżaminati ħlief fuq it-talba tal-appellant;

(ii) kull persuna, barra mill-Kummissarju, li jkollha jew li kellha xi dmir uffiċjali, jew li tkun jew kienet taħdem, fl-amministrazzjoni tal-Atti dwar it-Taxxi, m'għandhiex tissejjaħ biex tixhed jew biex tiġi eżaminata dwar xi ħaġa uffiċjali li jkollha x'taqsam mal-likwidazzjoni li tkun qed tiġi appellata ħlief fuq it-talba tal-Kummissarju;

(iii) ħlief fuq it-talba tal-appellant, ebda persuna ma tkun eżaminata dwar xi tagħrif li jolqot lill-appellant meta dwar dak it-tagħrif l-imsemmija persuna tkun marbuta bis-sigriet professjonali.

(5) Il-membri tat-Tribunal ma jkunux persunalment responsabbli għal kull għemil jew nuqqas tat-Tribunal magħmul jew li naqas li jsir *in bona fede* fil-kors tax-xogħol tat-Tribunal.

(6) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 25 tal-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva għandhom japplikaw għal kull proċedura pendenti qabel il-Bord tal-Kummissarji Speċjali u kull proċediment għandu jiġi assenjat lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 25 imsemmi qabel b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2010.

(7) Avviż tad-deċiżjoni tal-appell u r-raġunijiet għaliha għandu jingħata bil-miktub lill-appellant li ukoll għandu jiġu avżat bid-drittijiet tiegħu għal appell ulterjuri skont l-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva.".

3. Il-kliem "lill-Bord ta' Kummissarji Speċjali" fl-artikolu 35 għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva", il-kliem "il-Kummissarji Speċjali" fin-nota marġinali tiegħu għandhom jiġu mħassra u, l-kliem "il-Bord", "tal-Bord" u "mill-Bord" kull fejn jidhru fl-artikoli 35 u 36 għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal", "tat-Tribunal" u "mit-Tribunal" rispettivament.

4. In-nota marġinali tal-artikolu 37 għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali "Appelli lill-Qorti tal-Appell" u l-kliem "lill-Bord", "tal-Bord" u "il-Bord" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lit-Tribunal", "tat-Tribunal" u "it-Tribunal" rispettivament.

Regoli dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Ġurament mill-Kummissarji Speċjali), L.S. 372.02

1. Ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Ġurament mill-Kummissarji Speċjali) huma b'dawn imħassra.

Regoli dwar Appelli (Bord ta' Kummissarji Speċjali), L.S. 372.06

1. Ir-Regoli dwar Appelli (Bord ta' Kummissarji Speċjali) huma b'dawn imħassra

Regoli dwar il-Bord ta' Kummissarji Speċjali (Dikjarazzjoni bil-Ġurament), L.S. 372.07

1. Ir-Regoli dwar il-Bord ta' Kummissarji Speċjali (Dikjarazzjoni bil-Ġurament) huma b'dawn imħassra.

Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap. 382

1. Il-kliem "lill-Bord ta' Appelli dwar Dazju tas-Sisa" fl-artikolu 31(1) inkluża n-nota marġinali tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".

2. L-artikolu 32 tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Appelli.

32. (1) Meta xi persuna ma tkunx sodisfatta b'xi deċiżjoni meħuda mill-Kontrollur għar-rigward tiegħu, hija tista' tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit fl-artikolu 5 tal-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva kontra dik id-deċiżjoni.

(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jista', fid-determinazzjoni tiegħu fuq kwalunkwe appell magħmul skont is-subartikolu (1), jikkonferma, jħassar jew jibdel, għal kollox jew f'parti, id-deċiżjoni oriġinali.

(3) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jwettaq dawk il-funzjonijiet li jiġu assenjati lilu skont dan l-Att.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, safejn ikunu japplikaw għat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, għandhom japplikaw għal kull proċediment pendenti quddiem l-imsemmi Tribunal u il-kliem "amministrazzjoni pubblika" fl-imsemmija liġi għandhom jiftiehmu bħala riferenza għall-Kontrullur.

(5) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 25 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandhom japplikaw għal kull proċediment pendenti quddiem il-Bord ta' Appelli dwar Dazju tas-Sisa u dawk il-proċedimenti għandhom jiġu assenjati lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-imsemmi artikolu 25 b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2010.

(6) It-Tribunal għandu jagħti attenzjoni xierqa minnufih għal kull kwistjoni li għandha x'taqsam mas-sisa li tiġi riferita lilu mill-Kontrollur skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30(12).

(7) Ma jista' jsir ebda appell Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva meta s-somma in kwistjoni ma teċċedix tliet mija u ħamsin euro (€350).

(8) Wara li jikkonsidra l-kwistjoni riferita lilu, u kull sottomissjoni li tista' tkun saret mill-Kontrollur u mill-appellant, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiddeċiedi jekk il-prinċipji stabbiliti fl-artikolu 30 ġewx segwiti mill-Kontrollur fl-istima magħmula minnu.

(9) Meta l-imsemmi Tribunal jiddeċiedi li l-prinċipji msemmija fis-subartikolu (8) ġew segwiti, id-deċiżjoni mogħtija mill-Kontrollur skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 30(6) għandha tiġi konfermata; meta t-Tribunal jiddeċiedi li l-prinċipji msemmija ma ġewx segwiti, it-Tribunal għandu jirrakkomanda lill-Kontrullur biex jagħti deċiżjoni ġdida, liema rakkomandazzjoni għandu jkun hemm fiha l-prinċipji li fl-opinjoni tat-Tribunal ma ġewx osservati mill-Kontrollur.

(9) Avviż dwar id-deċiżjoni tal-appell u r-raġunijiet għaliha għandu jingħata bil-miktub lill-appellant, li għandu wkoll jiġi informat dwar id-drittijiet tiegħu għal appell ulterjuri skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.".

3. Il-kliem "il-Bord" u "mill-Bord" kull fejn jidhru fl-artikolu 33 tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem ""it-Tribunal" u "mit-Tribunal" rispettivament.

Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Kap. 499

1. L-artikolu 40 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-proviso li ġej għandu jiżdied mas-subartikolu (1) tiegħu:

"Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi, appell li jiġi preżentat skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità."; u

(b) il-kliem "għandhom, b'effett mill-1 ta' Settembru, 2009," fis-subartikolu (2) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandhom".